MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2007

Talba Numru. 405/2005

**Talba Nru: 405/05PBC**

**KNK Air Conditioners Company Limited**
**(C 17462)**

**Vs**

**Noel Agius u b'digriet tad-19 ta' Mejju, 2006**
**gie nominat Dr Tonio Azzopardi bhala Deputat**
**Kuratur biex jirrapprezenta lil Noel Agius**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li bih is-socjeta` attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta` elf mitejn u tlieta u tletin lira Maltin (Lm1,233) billi allega illi fl-ahhar gimghat qabel ma gie ntavolat l-Avviz naqsu lis-socjeta`

attrici flus ammontanti f'dan l-ammont. Il-konvenut kien impjegat bhala *salesman* mas-socjeta` attrici u kien unikament responsabbli ghal dan in-nuqqas u dan kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi l-pretenzjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici u dan ghar-ragunijiet li assolutament il-konvenut m'ghandu l-ebda responsabbilta` ghan-nuqqas allegat mis-socjeta` attrici, hekk kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta` din il-kawza. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri. Il-konvenut jirrileva wkoll ghal kull buon fini u specjalment rigward il-kap ta` l-ispejjez li huwa ma giex notifikat bl-Ittra Ufficjali msemmija mis-socjeta` attrici fit-talba taghha.

Sema` x-xhieda ta` Alfred Debono, Pierre Vella Petroni, Nathalie Attard, Manuel Mallia u ta` Karl Vella Petroni.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Qabel xejn jigi rilevat li f'din l-kawza t-Tribunal ikollu jistrieh fuq il-provi mressqa mill-atturi. Sal-2005 il-konvenut dejjem attenda ghas-seduti izda sa dak iz-zmien il-kawza kienet fl-istadju tal-provi ta` l-atturi liema atturi, ghal xi drabi la dehru u lanqas ma pproducew provi. Il-konvenut emigra fil-bidu tal-2006 u ghalkemm ghamel Affidavit f'Jannar 2006, dan gie pprezentat f'Ottubru 2006 u gie sfilzat b'digriet tat-13 ta` Novembru, 2006. Ma jistax ma jinghadx li mill-banda 'l wahda d-dewmien da parti ta` l-atturi serva ta` pregudizzju ghall-konvenut izda mill-banda 'l ohra l-konvenut facilment seta` pprezenta Rikors biex il-kawza tigi rikjamata halli jkun jista` jaghti d-depozizzjoni tieghu qabel ma jitlaq minn Malta.

Ghar-rigward tal-mertu, mill-provi prodotti jirrizulta illi permezz ta` skrittura privata minghajr data li tinsab esebita a fol 7 tal-process, il-konvenut gie mpjegat mas-

socjeta` attrici bhala *sales representative* b'effett mill-25 ta` Gunju, 2001.

Huwa kien impjegat f'hanut tas-socjeta` attrici li jinsab f'St Paul's Street, Naxxar u mieghu kien jahdem Karl Vella Petroni li jigi t-tifel ta` Pierre Vella Petroni li huwa d-direttur tas-socjeta` attrici. Pierre Vella Petroni jghid illi l-konvenut kien *in charge* tal-*cash* kollu tal-hanut u jispjega li kien hemm hafna tahwid fil-*cash* fuq il-flus tax-xoghol, fis-sens li r-*records* ma kienux qeghdin jaqblu.

Xehed ukoll Alfred Debono li huwa l-*accountant* li jaghti s-servizzi tieghu lis-socjeta` attrici u kkonferma li kien hemm diskrepanza ta` elf tlett mija u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,360.70c) li huwa maqsum bhala *cash sales* fl-ammont ta` disa` mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin (Lm923) ghas-sena 2003 u diskrepanza ta` mitejn u erbghin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm240.91c) fl-2004. Huwa kkonferma wkoll illi Noel Agius personalment kellu jhallas bilanc ta` mija u sitta u disghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm196.16c) fuq il-kont tieghu personali billi huwa kellu kont kurrenti ma` l-istess kumpanija.

Mill-provi prodotti t-Tribunal m'huwiex sodisfatt illi l-provi attrici rigward l-allegati nuqqasijiet fil-*cash* huma cari u kategorici bizzejjed biex iwasslu lill-Aggudikatur ta` dan it-Tribunal li jkollu l-konvinciment morali sufficjenti biex jikkonkludi li t-talba attrici giet sodisfacentement ippruvata.

It-Tribunal m'ghandux dubju li fil-hanut in kwistjoni kien hemm element ta` tahwid fl-*accounts* illi jidher ukoll car illi kien hemm konfuzjoni bejn l-operat tal-konvenut u anki l-operat ta` Karl Vella Petroni u donnu wiehed qed jipprova jwahhal fl-iehor. Ghalkemm m'hemmx ix-xhieda tal-konvenut f'dawn il-proceduri stante li din giet sfilzata, mil-linja difensjonali maghmula mill-konvenut jidher car illi l-konvenut qieghed jallega illi kien Karl Vella Petroni li qed jiehu l-flus fil-*cash* u da parti tieghu Karl Vella Petroni qed isostni illi galadarba Noel Agius kien responsabbli ghall-*cash*, kull diskrepanza li seta` kien hemm kien responsabbli ghaliha l-istess Noel Agius.

It-Tribunal jirrileva illi effettivament Noel Agius gie mpjegat bhala *sales representative* u ma jidhirx li huwa gie mpjegat bhala manager tal-hanut in kwistjoni. Ma gie prodott l-ebda dokument bil-*job description* tal-konvenut. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt li kien hemm xi *sales* maghmula mill-konvenut li ma dahlux fir-*records* tas-socjeta` attrici. L-unika xhud estranja kienet Nathalie Attard li xehdet li hija kienet thallas permezz ta` cekk u dan wara li saru arrangamenti ma` Pierre Vella Petroni personalment u mhux mal-konvenut.

Inoltre, t-Tribunal isibha qajla kredibbli illi f'medda ta` aktar minn sena s-socjeta` attrici ddum biex tintebah bid-diskrepanzi msemmija u sahansitra minkejja, skond kif jghid Pierre Vella Petroni, li kien jigbed l-attenzjoni lill-konvenut li kien hemm it-tahwid fl-*accounts*, xorta jhallu lill-istess konvenut fl-impjieg tieghu minghajr ma jaghmlu verifiki aktar assidwi u jiehdu passi aktar accentwati. Sahansitra, meta s-socjeta` attrici waslet ghall-konkluzjoni li kien il-konvenut li baghbas fil-flus ma nvolvietx lill-pulizija.

Mill-provi jidher ukoll illi kien il-konvenut li telaq mill-impjieg u li l-impjieg tieghu ma giex mitmum minhabba li gie mkecci.

Illi minhabba fil-premess, it-Tribunal m'huwiex konvint li t-talba attrici, kwantu ghal dak li jirrigwarda l-allegati nuqqasijiet fil-*cash*, m'hijiex sodisfacentement ippruvata u fic-cirkostanzi tal-kaz ghandha tigi michuda minhabba n-nuqqas ta` provi.

Parti ohra mit-talba attrici tikkoncerna bilanc ta` mija u sitta u disghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm196.16c) fuq il-kont personali tal-konvenut u dan il-kont bl-ebda mod ma gie kkontestat u ghalhekk it-talba f'dan ir-rigward ghandha tigi milqugha.

Ghar-rigward tad-drittijiet u spejjez tal-Kuratur, it-Tribunal jidhirlu li l-hatra tieghu gie totalment provokat mil-konvenut innifsu billi facilment seta` jhalli lil xi membru tal-familja

bhala mandatarju jew inkella tali membru seta` accetta l-bandi relattivi u mhux gust u xieraq li l-attur jigi kkundannat ihallas dawn l-ispejjez addizzjonali stante li dan kollu sehh fil-mori tal-kawza. Ghalhekk id-drittijiet u spejjez tal-Kuratur ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta` u jiddeciedi billi jilqa` t-talba attrici limitament ghas-somma ta` mija u sitta u disghin lira Maltin u sittax-il centezmu (Lm196.16c) bl-interessi mid-data tal-prezentata ta` l-Avviz. L-ispejjez tal-kawza, hlief ghal dawk tal-Kuratur li huma a karigu tal-konvenut, huma kwantu ghal wiehed minn sebgha (1/7) ghall-konvenut u sitta minn sebgha (6/7) ghall-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------